## IL-FAMILJA MQADDSA TA' ĠESÙ, MARIJA U ĠUZEPPI

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb ta' Bin Sirak.**
**Sir 3,2-6,12-14**

Il-Mulej iweġġah lill-missier f'uliedu,
U l-jedd ta' l-omm fuq uliedha jwettaq.
Min iweġġah 'il missieru, Alla jaħfirlu dnubietu,
U min iweġġah lil ommu, bħal min jaħżen il-ġid.
Min iweġġah 'il missieru jifraħ b'uliedu,
U meta jitlob ikun mismugħ.
Min iweġġah 'il missieru jitwal għomru,
Min iweġġah lil ommu Alla jagħtih il-ħlas.
Ibni, ħu ħsieb missierek meta jixjieħ,
U qatt, kemm idum ħaj, ma għandek tweġġgħu.
Ukoll jekk moħħu jiħfief, agħdru,
U tgħajrux meta int fl-aħjar ta' saħħtek.
Il-ġid li tagħmel mal-missier ma jintesiex,
U jieħu post id-dnubiet.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 127,1-5**
**Ħieni kull min jibża' mill-Mulej!**

Ħieni kull min jibża' mill-Mulej,
kull min jimxi fit-triqat tiegħu!
Mix-xogħol ta' idejk inti tiekol,
ħieni int, u riżqek tajjeb.

**R/. Ħieni kull min jibża' mill-Mulej!**

Martek tkun bħal dielja għammiela
'l ġewwa f'darek;
uliedek bħal xitel taż-żebbuġ
madwar il-mejda tiegħek.

**R/. Ħieni kull min jibża' mill-Mulej!**

Ara, kif ikun imbierek il-bniedem
Li jibża' mill-Mulej!
Ibierkek il-Mulej minn Sijon!
Jalla tara l-ġid ta' Ġerusalem
Tul il-jiem kollha ta' ħajtek!

**R/. Ħieni kull min jibża' mill-Mulej!**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Kolossin.**
**Kol 3,12-21**

Ħuti: Intom il-magħżulin ta' Alla, il-qaddisin u l-maħbubin tiegħu. Ilbsu mela sentimenti: ta' ħniena, tjieba, umilta`, ħlewwa u sabar. Stabru b'xulxin, u, jekk xi ħadd minnkom ikollu x'igħid ma' ħaddieħor, aħfru lil xulxin; bħalma l-Mulej ħafer lilkom, hekk agħmlu intom ukoll.
U fuq dan kollu ilbsu l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni. Ħalli s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom, dak is-sliem li għalih kontu msejħa biex issiru ġisem wieħed. U ta' dan roddu ħajr lil Alla. Ħalli l-bxara ta' Kristu tgħammar sħiħa fikom; għallmu bil-għerf kollu u widdbu 'l xulxin b'salmi u innijiet u b'għana spiritwali, u b'radd il-ħajr kantaw f'qalbkom innijiet lil Alla. Kull ma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu kollox f'isem il-Mulej Ġesu', u roddu ħajr lil Alla l-Missier permezz tiegħu.
Intom, nisa miżżewġa, obdu lil żwieġkom, kif jixraq lin-nies tal-Mulej. Intom imbagħad, irġiel miżżewġa, ħobbu n-nisa tagħkom, u tkunux żorri magħhom. Intom, tfal, isimgħu mill-ġenituri tagħkom f'kollox, għax dan hu li jogħġob lill-Mulej. Intom, missirijiet, la ddejqux lil uliedkom, għax inkella jistgħu jaqtgħu qalbhom.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Ħalli s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom;
ħalli l-bxara ta' Kristu tgħammar sħiħa fikom.
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.**
**Lq 2,41-52**

Ta' kull sena l-ġenituri ta' Ġesu' kienu jmorru Ġerusalem għall-festa tal-Għid. Meta kellu tnax-il sena, telgħu, kif kienet id-drawwa, għall-festa. U wara li għaddew dawk il-jiem, huma u sejrin lura, it-tifel Ġesu baqa' Ġerusalem bla ma kienu jafu l-ġenituri tiegħu. Billi huma ħasbuh qiegħed ma' dawk li kienu fit-triq magħhom, baqgħu mexjin jum sħiħ, imbagħad bdew ifittxuh fost qrabathom u n-nies li huma kienu jafu. Iżda billi ma sabuhx, reġgħu lura Ġerusalem ifittxuh.
Wara tlitt ijiem sabuh fit-Tempju, bilqiegħda f'nofs il-għorrief, jismagħhom u jistaqsihom; u kull min semgħu baqa' mistagħġeb bid-dehen u t-tweġibiet tiegħu. Kif rawh, stamtu, u ommu qaltlu: ''Ibni, għaliex għamiltilna hekk? Ara, missierek u jien konna qegħdin infittxuk b'qalbna maqsuma!'' U hu qalilhom: ''Il-għala kontu qegħdin tfittxuni? Ma tafux li jiena jeħtieġli nkun f'dak li hu ta' Missieri?'' Iżda huma ma fehmuhiex il-kelma li qalilhom.
Imbagħad niżel magħhom u reġa' ġie Nażaret; u kien joqgħod għalihom. U ommu kienet iżżomm u tgħożż dawn il-ħwejjeġ kollha ġo qalbha. U Ġesu' baqa' jikber fil-għerf, fit-tul u fil-grazzja, quddiem Alla u quddiem il-bnedmin.

Il-Kelma tal-Mulej.

**It-Tifħir lilek Kristu.**